# Xogħlijiet ta' pittura fil-Knisja parrokkjali ta' M'Xlokk

*Kitba ta' Toni Terribile*

Il-poplu tagħna ħabb il-knejjes tiegħu u għammarhom u żejjinhom b'bosta ħwejjeġ mil-isbaħ li sa llum aħna għadna napprezawhom bħala teżori . Kien permezz ta' din l-imħabba, li nistgħu ngħidu li fil-knejjes tagħna insibu parti kbira mill-wirt nazzjonali ta' dawn il-gżejjer. Din l-imħabba baqgħet miexja sas-seklu tagħna - s-seklu għoxrin. L-isbaħ xhieda hija l-kwantita' kbira ta' opri artistiċi li saru fil-knejjes tagħna f'din il-medda ta' 97 sena.

Meta inqallbu l-pagni ta' grajjiet artna insibu li fis-seklu tagħna inbena l-aktar għadd ta' knejjes f'dawn il-gżejjer u fost dawn insibu l-knisja parrokkjali ta' Marsaxlokk.

Ix-Xlukkajri, li mitt sena ilu, inqatgħu miż-Żejtun u ffurmaw parroċċa għalihom, ħadmu u stinkaw biex il-knisja parrokkjali tagħhom tkun bħal knejjes parrokkjali ta' bliet u rħula oħra. Fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-twaqqif ta' din il-Parroċċa, se nagħtu titwila lejn il-kwadri u x-xogħlijiet ta' pittura li nsibu fil-knisja parrokkjali.

Wieħed mill-eqdem li nsibu f'din il-knisja parrokkjali hu f'ġieħ Sant Andrija. Dan il-kwadru jinsab fuq l-artal in-naħa tal-kappellun ta' San Vinċenz. F'dan il-kwadru naraw lil Sant Andrija fuq ix-xatt ta' Betsajda. Fir-rokna t'isfel tal-lemin naraw il-firma ta' l-artist li ħadem dan il-kwadru, Ġużeppi Bonniċi u s-sena li fiha sar, 1893. Dan il-pittur kien mill-Isla u għex fis-seklu dsatax. Ix-xogħlijiet tiegħu insibuhom f'bosta partijiet ta' dawn il-gzejjer bħal Ħamrun, Marsalforn, l-Isla, ir-Rabat, f'Santa Lucia, l-Belt Valletta, Ħ'Attard u fi knejjes oħra.

Pittur ieħor Malti li għandu tlett xogħolijiet f'din il-knisja parrokkjali huwa Ġużeppi Cali li għex bejn l-1846 u l-1930. It-tliet kwadri tiegħu f'din il-knisja huma dawk ta' San Vincenz Ferreri, ta' San Ġużepp u l-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu li jinsab ħdejn il-bieb maġġur. Huma tliet kwadri tajbin b'mod speċjali l-kwadru ta' San Vincenz Ferreri. Hawnhekk naraw lil qassis iwassal il-messaġġ ta' Kristu permess tal-predikazzjoni lil gemgħa nies. Hu wieħed mill-aħjar xogħlijiet ta' Cali`. Sar fl-1919 skond is-sena miktuba fuqu u tħallas mill-Kanonku Vincenzo Cilia La Corte li ried li l-qassis li jġib ismu jkun meqjum f'din il-knisja. Dan il-kwadru ġie darbtejn riprodott f'katalgi li jfakkru lil Ġużeppi Cali`. L-ewwel darba fl-1946 meta s-Soċjeta ta' l-Arti , Manifattura u Kummerċ organizzat wirja f'għeluq il-mitt sena mit-twelid ta' Cali` u t-tieni darba meta L. Grasso u E. Fiorentino ħargu l-bijografija ta' dan il-pittur. (Ara r-ritratt f' paġna .....)

It-tieni kwadru ta' Cali` f'din il-knisja jirrappreżenta lil san Ġużepp bħala Padrun tal-Knisja. Hu kwadru ieħor li fih tinħass ħafna l-id ta' Cali`. Hu dettal ta' kwadru li l-istess pittur kien għamel għal parroċċa ta' Ħal Għargħur li hu ferm ikbar u fih kien daħħal ukoll lil Madonna.

Fuq in-naħa tax-xellug naraw mara għarkobbtejha li tiffigura l-Knisja. Cali daħħal lil din il-figura fil-kwadru li semmejna ta' Ħal Għargħur u fil-kwadru ta' Ruzarju u ta' San Ġużepp li nsibu fil-knisja parrokkjali tal-Mellieħa.

Meta wieħed iħares lejn il-bieb maġġur mill-korsija wieħed jara żewġ kwadri, wieħed fuq kull naħa. Dak ta' fuq ix-xellug jirrapprezenta lil Marija Annunzjata u l-ieħor jirrapprezenta lil Madonna tal-Karmnu. Dan ukoll huwa xogħol Cali` u fl-1951, fl-okkazjoni tas-seba' Centinarju tal-Labtu, dan il-kwadru kien ġie riprodott fil-katalgu tal-kwadri li jfakkru lil Madonna tal-Karmnu.

*... ikompli f'paġna 92*

... ikompli minn paġna 91

Fost it-tfal ta' Ġużeppi Ċali` insibu wieħed, Ramiro, li kien pittur bħal missieru. Ħadem f'bosta knejjes bħal San Duminku tal-Belt, iż-Zejtun, l-Imġarr, il-Gudja, San Pawl tal-Belt u knejjes oħra, fosthom f'Marsaxlokk. Hawn insibu tliet kwadri tiegħu li huma l-Qalb ta' Gesu', impitter fl-1934, tal-Madonna tal-Karmnu u tat-Trasfigurazzjoni. Fost dawn jispikka ħafna dak tat-Trasfigurazzjoni li sar fl-1937.

Pittur ieħor Malti li ħadem bosta kwadri u pittura fil-knejjes tagħna kien Lazzaro Pisani. Ix-xogħlijiet tiegħu huma imxerrda ħafna f'din il-knisja parrokkjali ta' Marsaxlokk insibu l-kwadru tal-Martirju ta' Santa Katerina. Dan pittru fl-1932.

Ir-rabta bejn Marsaxlokk u ż-Żejtun kienet mill-imgħoddi kbira ħafna u dan għal bosta raġunijiet. Din ir-rabta kompliet tikber fil-qasam artistiku billi żewġ pitturi Zwieten ħallew ix-xogħolijiet tagħhom f'din il-knisja.

L-ewwel wieħed kien Ġużeppi Caruana. Ix-xogħlijiet tiegħu insibuhom fil-knejjes parrokkjali ta' Ħaż-Zabbar u n-Naxxar u wkoll fil-knisja ta' Marsaxlokk. Hawn insibu erba' xogħlijiet li jinsabu fil-kor ta' din il-knisja. Fiż-żewġ kwadri l-kbar naraw żewġ grajjiet marbuta ma' l-Ordni Dumnikan u l-Madonna ta' Rużarju.

F'dak ta' fuq ix-xellug naraw lil San Duminku rebbieħ fuq l-ereżija ta' l-Albiġinizi. Dan sar fl-1922 u fuqu naraw iż-żewġ ittri M.G. l-inizjali tal-benefattur li ħallas għalih.

Il-kwadru l-ieħor, li sar fl-istess żminijiet, tħallas minn F.Vella u fih naraw il-grajja tal-battalja ta' Lepanto. Barra l-ġlied tat-Torok ma' l-Insara l-pittur Caruana, f'nofs il-kwadru pitter lil Papa Piju V li ħadem u talab biex din il-battalja tintrebaħ mill-insara. Kien dan il-Papa li waqqaf il-festa tal-Madonna ta' Rużarju fis-7 ta' Ottubru.

Fuq kull naħa tal-kwadru titulari imbagħad naraw iż-żewġ kolonni tal-Knisja Kattolika San Pietru u San Pawl li ukoll huma xogħol Gużeppi Caruana.

Il-Pittur l-ieħor Żejtuni li ħadem ukoll f'din il-knisja kien Tuse` Busuttil. dan il-pittur twieled fl-1912 u miet fl-1994. Ħalla bosta xogħlijiet warajh fil-knejjes parrokkjali taż-Zejtun, Ħal Għaxaq, is-Sannat u San Girgor tas-Sliema. Fil-Knisja parrokkjali ta' Marsaxlokk insibu li Tuse` Busuttil pitter il-koppla li fiha naraw tmien episodji mill-ħajja tal-Madonna u erba nisa Bibliċi fil-lunetti ta' taħtha.

Imbagħad fiż-żewġ kappelluni naraw erba' kwadri oħra ta' Tuse` Busuttil. Fil-kappellun ta' San Vinċenz naraw liż-żewġ qaddisin Dumnikani San Alberto Magno u lil San Tumas d'Aquino filwaqt li fil-kappellun tal-Kurċifiss naraw lil San Gwann l-Evangelista u lil Marija Maddalena, żewġ persunaġġi b'rabta intima mall-passjoni u l-mewt ta' Gesu'.

Barra din il-gabra ta' pittura, magħmula fil-biċċa l-kbira tagħha, fis-seklu għoxrin, fis-sagristija insibu kwadru interessanti ta' l-Immakulata. Jidher li hu kwadru li fih xogħol tajjeb li jista jmur lura għas-seklu tmintax. Jista jkun li kien għotja lil din il-knisja.

Din id-dawra li għamilna turi pittura ta' livelli artistiċi differenti. Hi xhieda ħajja li n-nies ta' Marsaxlokk imxew fuq il-passi tal-Maltin ta' l-imgħoddi li żejnu l-knisja tagħhom b'dawn ix-xogħlijiet ta' pittura.